Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

## ONOR. IMHALLEF GALEA DEBONO JOSEPH

Seduta ta' 17 ta' Ottubru, 2002

Appell Kriminali Numru. 263/2000

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Valletta)
(Spettur Walter Spiteri)
Vs

Omissis
U
Nazzareno sive Reno Zarb
Carmelo sive Charles Mugliette
Joseph Azzopardi
Otis Cassar
Omissis
U
Gaetano Xerri

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli fil-25 ta' Frar, 1993 :

1) matul in-nofs ta' nhar ta' fil-ghodu ikkommettew serq ta' Medicini Specifikati u Psikotropici mill-Infermerija tal-Habs Civili ta' Kordin, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-lok; (Sec. 261 (a)(b)(c)(e) tal-Kap 9);

2) kellhom fil-pussess taghhom Medicini Specifikati u Psikotropici meta ma kienux awtorizzati kif immisshom bi ksur tar-Regolament 5 (1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement ammendat u 35B u 89A u t-tielet Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat.

Lil Emanuel sive Benjamin Mamo, Carmelo sive Charles Mugliette, Nazzareno sive Reno Zarb, Joseph Azzopardi, Otis Cassar u Gaetano Xerri biss talli:

3) fil-25 ta' Frar, 1993, fil-Habs Civili ta' Kordin, matul in-nofs ta' nhar ta' fil-ghodu volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi l-hames mitt lira Maltin (LM500) ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta (Sec. 325 Kap. 9);

4) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi harbu minn post ta' kustodja jew ta' piena liema harba saret bil-vjolenza fuq il-persuna u bi ksur ta' dawn il-postijiet; (Sec 152 Kap 9);

5) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqeghdu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkangunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' diversi ufficjali tal-Habs Civili ta' Kordin; (Sec 214 Kap 9);

6) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hadu b'qerq, iddistruggew, ma hallewx shah jew serqu dokumenti, processi jew karti ohra, registri, atti jew xi hwejjeg ohra, li

kienu qeghdin fl-arkivji pubblici, jew f'ufficji ohra pubblici, jew li kienu moghtija f'idejn depozitarju jew ufficjal iehor pubbliku minhabba l-kariga tieghu; (Sec 144 Kap 9).

Lil Emanuel sive Benjamin Mamo akkuzat ukoll talli huwa sar recidiv ghat-termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kap 9, b'diversi sentenzi moghtija fil-25 ta' Ottubru, 1990, 11 ta' Marzu, 1991, 14 t'April, 1991, 16 ta' Marzu, 1992 u fis-27 t'Awissu, 1992 liema sentenzi saru definittivi.

Lil Carmelo sive Charles Mugliette akkuzat ukoll :

1) talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu ghat-tenur ta' l-Artikolu 5 tal-Kap 152 metu hu kien instab hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datat 26 ta' Novembru, 1992 u lliberatu taht kundizzjoni li joqghod taht sorveljanza ta' ufficjal tal-Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin;
2) talli huwa sar recidiv ghat-terminu ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kap. 9, b'diversi sentenzi moghtija fis-26 ta' Novembru, 1992, 9 ta' Frar, 1993, 11 ta' Frar, 1993 u 15 ta' Frar, 1993 liema sentenzi saru definittivi.

Lil Nazzareno sive Reno Zarb akkuzat ukoll:

1) talli huwa recidiv ghat-terminu ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kap. 9, b'diversi sentenzi moghtija fis-27 t'Awissu, 1992, 22 ta' Frar, 1993, u 11 ta' Jannar, 1993 liema sentenzi saru definittivi;
2) talli kiser il-liberta kundizzjonata ghat-tenur ta' l-Artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta imposta fuqu b'sentenza tal-Qorti datata 19 ta' Novembru, 1992 liema sentenza saret definittiva.

Lil Joseph Azzopardi akkuzat ukoll talli huwa sar recidiv ghat-terminu ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kap 9, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Novembru, 1990, 5 ta' Dicembru, 1990, 7 ta' Mejju, 1992, 28 ta' Settembru, 1992 u 22 ta' Dicembru, 1992 liema sentenzi saru definittivi.

Lil Otis Cassar akkuzat ukoll talli huwa sar recidiv ghat-terminu ta’ l-Artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kap. 9, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-18 ta’ Marzu 1991, 26 ta’ Lulju, 1991, 5 t’Awissu, 1991, 26 ta’ Ottubru, 1992, 13 ta’ Novembru, 1992 u 24 ta’ Frar, 1993 liema sentenzi saru definittivi.

Lil Gaetano Xerri akkuzat ukoll talli huwa sar recidiv ghat-terminu ta’ l-Artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kap 9, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-22 t’Awissu, 1988 u fil-5 ta’ Gunju, 1990 liema sentenzi saru definittivi.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tad-19 ta’ Dicembru 1995 li biha ddikjara li ddecieda li ma jqieghedx lill-appellanti taht Att t’Akkuza u dana bis-sahha tal-Art. 120A (2) (2C) tal-Kap 31 billi deherlu li kienu jonqsu cirkostanzi li jaghmlu l-htija ta’ kompetenza tal-Qorti Kriminali, u ordna li l-appellanti jigi processati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra taghhom ghal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza, u b’zieda mall-ordni fuq imsemmija, deherlu li tista’ tinstab htija kontra l-appellanti ta’ kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli minnu indikati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ Novembru, 2000 li biha wara li rat l-Artikoli :

a) L-Artikoli 261(a)(b)(c)(e), 262, 263, 264(1), 265, 266, 267, 269(f), 270, 275, 276, 277, 278, 279, 280(1)(2), 281, 289, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kap 9;
b) L-Artikoli 325, 49, 50 tal-Kodici Kriminali;
c) L-Artikoli 152, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali;
d) L-Artikolu 5 (1) A L 22/1985 Art. 35B u 89H Kap 31, Art. 16 Att V 1985, sabet lil:

Charles Mugliette hati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba' akkuzi u kkundannatu ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn;
Reno Zarb hati tat-tielet u r-raba akkuzi u kkundannatu ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn;
Joseph Azzopardi hati biss tar-raba' akkuza u kkundannatu ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien tlettax-il xahar;
Otis Cassar hati tat-tieni u r-raba' akkuzi u kkundannatu ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn;
Gaetano Xerri hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' akkuzi u kkundannatu ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn.

Il-Qorti ordnat li minn dawn it-termini ghandu jitnaqqas kwalunkwe zmien illi l-imputati ghamlu taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn l-akkuzi.

Rat ir-rikors tal-appellant Carmelo sive Charles Mugliette minnu pprezentat fit-23 ta' Novembru, 2000, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza billi tiddikjarah mhux hati fir-raba' akkuza u tvarja l-piena ghal wahda aktar gusta.

Rat ir-rikors tal-appellant Nazzareno sive Reno Zarb minnu pprezentat fl-24 ta' Novembru, 2000, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermha fejn sabitu mhux hati u tirrevoka ghall-kumplament u hekk tilliberah minn kull htija u piena.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Azzopardi minnu pprezentat fl-24 ta' Novembru, 2000, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermha fejn sabitu mhux hati u tirrevoka ghall-kumplament u hekk tilliberah minn kull htija u piena.

Rat ir-rikors tal-appellant Gaetano Xerri minnu pprezentat fl-24 ta' Novembru, 2000, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tkkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitux hati tat-tielet, il-hames, is-sitta u s-seba' akkuza, u tvarja dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu hati tal-ewwel, it-

tieni u r-raba’ akkuza u dan billi ma ssibux hati ta’ tali imputazzjonijiet.

Rat ir-rikors tal-appellant Otis Cassar minnu pprezentat fis-27 ta’ Novembru, 2000, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza billi tikkonfermha fejn in forza gie lliberat mill-akkuza ta’ serq ta’ medicini, ta’ hsara volontarja ta’ propjeta’ bi pregudizzju tal-Gvern, li kkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ diversi ufficjali tal-habs, ta’ serq jew distruzzjoni ta’ dokumenti kif ukoll mill-akkuza ta’ recidiva, u tirrevokha fejn in forza instab hati ta’ pussess ta’ medicina specifikata u psikotropika minghajr l-awtorizzazjoni mehtiega kif ukoll li huwa harab minn post ta’ kustodja jew piena u b’hekk tilliberah mill-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu u konsegwentement tilliberah minn kull htija u mill-piena konsegwenzjali inflitta fuqu.

Rat il-verbal tat-28 ta’ Frar, 2002 fejn iddikjarat l-appell ta’ Otis Cassar dezert peress illi dana ma deherx fis-seduta ;

Rat ukoll id-digriet taghha tas-27 ta’ Frar, 2002 fejn giet michuda t-talba maghmula minn Otis Cassar ghar-riappuntament tal-appell.

Rat id-diversi verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti diversament preseduta u kif issa preseduta inkluzi d-dikjarazzjonijiet ta’ astensjoni tal-Onor. Imhallef Dr. Vincent Degaetano u tal-ex-Imhallef Dr. Patrick Vella li jgibu d-data tas-26 ta’ Jannar, u 24 ta’ Mejju, 2001 rispettivament meta umbaghad il-kawza giet assenjata lill-Onor. Imhallef Carmel A. Agius u fiha ma lahaq sar ebda progress qabel ma giet assenjata lil din il-Qorti kif issa preseduta.

Rat ir-rikors tal-apellant Gaetano Xerri tat-18 ta’ Jannar, 2002 u d-Digriet Taghha tal-15 ta’ Frar, 2002 li bih laqghet it-talba ghall-produzzjoni tax-xhud Dr. Joseph Spiteri ;

Rat id-Digriet Taghha tat-28 ta‘ Frar 2002 li bih hatret lill-Avukat tal-Ghajnuna Legali biex jidher ghall-appellant Mugliette li ddikjara li kien sprovvist minn avukat u li ma kellux biex ihallas ghad-difiza tieghu .

Semghet ix-xiehda ta’ Dr. Joseph Spiteri u ta’ l-Probation Officer Maryanne Zammit fil-kors tas-seduta tal-4 t’April, 2002

Rat in-Nota tad-9 t’April, 2002 tal-Avukat Dr. Joseph Mifsud fejn informa l-Qorti li hu ma kienx qed jippatrocina lill-appellant Mugliette izda dan kien qed jigi patrocinat mill-Avukat Malcolm Mifsud ;

Rat in-Nota tad-19 t’ April, 2002 tal-appellant Gaetano Xerri bir-referenzi ghat-testi u n-Nota tat-30 ta’ Mejju, 2002 , pprezentata mill-Avukati Dr. Jose Herrera u Dr. Edward Zammit Lewis li biha rrinunzjaw ghall-patrocinju tal-appellant Gaetano Scerri .

Rat ir-rikors ta’ Gaetano Xerri tal-20 ta’ Mejju, 2002 fejn talab li jipproduci lid-Direttur tal-Habs bhala xhud u d-Digriet Taghha relattiv tad-29 ta’ Mejju, 2002, fejn laqghet it-talba .

Semghet ix-xiehda ta’ Dr. Joseph Spiteri u tas-Supratendent Emmanuel Cassar fis-seduta tat-30 ta’ Mejju , 2002 kif ukoll it-trattazzjoni;

Rat il-verbal tal-4 ta’ Lulju, 2002 li bih Dr. Mark Said ghall-Prosekuzzjoni irrileva preliminarjament u eccepixxa n-nullita’ tar-rikors intavolat minn Carmelo sive Charles Mugliette , stante li t-talba li saret minnu kienet wahda ghar-revoka , mentri manifestament kellha tkun wahda ghar-riforma , peress li jirrizulta li dan l-appellant kien gie liberat mit-tielet imputazzjoni , liema nullita’ hija kontemplata fl-art. 419 (c) tal-Kodici Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekutur u tad-difensuri Dr. M. Mifsud ghall-appellant Mugliette u ta’ Dr. Deborah Schembri ghall-appellant Gaetano Xerri ;

Ikkonsidrat ;

Illi jidher li jkun opportun u prattiku li l-ewwel tigi trattata u deciza l-eccezzjoni tal-Avukat Generali dwar in-nullita’ tal-

appell tal-appellant Carmelo sive Charles Mugliette imsemmija fil-paragrafu penultimu precedenti .

L-APPELL TA' CARMELO SIVE CHARLES MUGLIETTE.

Illi dan l-appellant kien gie akkuzat b'diversi reati u cioe' ta' serq ta' medicini Specifikati u Psikotropici mill-Infermerija tal-Habs Civili; pussess tal-istess medicini ; hsara volontarja fil-Habs Civili ta' Kordin , harba mill-post ta' kustodja jew ta' piena aggravata bil-vjolenza fuq il-persuna, ikkagunar ta' feriti fuq diversi ufficjali tal-Habs Civili ta' Kordin ; tehid b'qerq, distruzzjoni u serq ta' dokumenti , processi jew karti ohra li kienu qeghdin f' arkivji pubblici , jew f'ufficcji ohra pubblici , kif ukoll ta' ksur tal-kondizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza ghat-tenur tal-Art. 5 tal-kap152 kif ukoll li sar recidiv ghat-tenur tal-Art. 49 u 50 tal-Kodici Kriminali .

Illi fir-rinviju tieghu tad-9 ta' Jannar, 1995 (Fols.319 sa 321 tal-process) l-Avukat Generali , wara li ghamel ordni bis-sahha tas-subartikolu (2) u (2C) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap.31) biex l-akkuzati (inkluzi l-erba appellanti odjerni) jigu processati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra taghhom ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza , deherlu ukoll li setghet tinstab htija jew htijiet taht dak li kien hemm mahsub fl-artikoli :-
(a) 261 (a)(b)(c)(d)(e) , 262, 263, 264(1), 265, 266, 267,269(f), 270, 275, 276, 277, 278, 279, 280(1)(2) ,281, 289, 533, 49, u 50 tal-Kodici Kriminali u cioe' serq kwalifikat u bir-recidiva;
(b) 325, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali u cioe' danni volontarji bl-addebitu tar-recidiva;
(c) 152 , 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali u cioe' harba mill-post ta' kustodja aggravata bl-addebitu tar-recidiva ;
(d) 214,215, 216, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali u cioe' offiza gravi fuq il-persuna bl-addebitu tar-recidiva ; u
(e) 144, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali u cioe' tehid b'qerq ,distruzzjoni , serq , jew ma jhallix shah dokumenti,

processi jew karti ohra registri, atti li jkunu f’arkivji pubblici jew f’ufficcji ohra . bl-addebitu tar-recidiva.

Illi fis-sentenza appellata , dan l-appellant instab hati biss tal-ewwel, it-tieni u r-raba akkuzi .

Illi hu ovvju ghalhekk illi f’dan il-kaz , ladarba hu ma instabx hati tat-tielet u l-hames akkuza u f’dan l-appell qed jikkontesta biss ir-raba akkuza, kien imissha ntalbet ir-riforma u mhux ir-revoka tas-sentenza appellata , kif sar fir-rikors tal-appell tieghu. Illi kif sewwa irrileva l-abbli Prosekutur fil-verbal minnu redatt fis-seduta tal-4 ta’ Lulju, 2002 , dan igib ghan-nullita’ tal-appell . Illi dan il-punt gie deciz ripetutament minn din il-Qorti w s-sentenzi huma konkordi filli tali nuqqas igib in-nullita’ ta’ appell li fih minnflok tintalab ir-riforma tas-sentenza appellata tigi mitluba r-revoka taghha. (Ara f’dan is-sens App. Krim. Il-Pulizija vs. Joseph Galea (30.6.95) fejn intqal testwalment :-

“.....jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellant u in parti lliberatu
minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet , gie dejjem ritenut li jekk flok talba ghat-tibdil issir
talba ghat-thassir , ir-rikors ikun null.”

(ara ukoll f’dan is-sens Pulizija vs. Victor Anthony Camilleri u Paul Spiteri (26.4.1985) ; Pul. vs. Anthony Zammit (1.10.60) VOL.XLIV , iv. 940; Pul. vs. Richard Vincenti Kind , App. Krim. 16.9.72 ; Pul. vs. Carmelo Agius , App. Krim. (14.10.72 ) ; Pul. vs. Mario Camilleri (App. Krim. 3.12..2001) u Pul. vs. Mario Camilleri (21.3.2002) - fejn hemm nota ta’ riferenzi li turi lista formidabbli ta’ sentenzi ohra fl-istess sens - u hafna ohrajn.)

Umbaghad fl-Appell Kriminali : “Il-Pulizija vs. John Hili “ (23/9/72) , din il-Qorti kienet qalet li bhala regola generali , d-dispozizzjoni in ezami , cioe’ li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza giet “very strictly and rigidly interpreted” .

Ghalhekk ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell tal-appellant Carmelo sive Charles Mugliette billi tiddikjara li fir-rikors tal-appell tieghu , bil-fatt li ma gietx mitluba r-riforma tas-sentenza appellata - kif kellu ndubbjament isir - izda minnflok intalbet ir-revoka taghha , ma giex osservat il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 tal-Kodici Kriminali , b'mod ghalhekk ukoll li l-istess rikors ta' l-appell huwa null , u konsegwentement qed tiddikjara l-appell tal-imsemmi Carmelo sive Charles Mugliette irritu w null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu .

"""""""""""""""""""""""""""""

Illi qabel ma tghaddi biex tiddisponi mill-appelli tat-tlitt appellanti l-ohra Nazzareno sive Reno Zarb, Joseph Azzopardi u Gaetano Xerri , il-Qorti ttenni dak li gie ritenut ripetutament minn din il-Qorti kif u diversament preseduta u cioe' li "hu principju stabilit fil-gurisprudenza tal-Qorti ta' l-Appell (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdett u sentenzi tal-Qorti Kriminali ) li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha . Fi kliem iehor, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk, izda, l-Qorti ta' l-Appell Kriminali tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti , fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura dik tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzzjoni. " (App. Krim. Pul. vs. Carmelo Schembri; 28.5.1995; Il-Pulizija vs. Ezzawi Mehemed ; 3.11.1995 u hafna ohrajn.) L-istess ghal dak li jirrigwarda l-piena nflitta mill-ewwel Qorti , din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-istess Qorti jekk dik il-piena tkun entro l-

parametri permessi mill-ligi w ma tkunx wahda manifestament sproporzjonata.

L-APPELL TA’ NAZZARENO SIVE RENO ZARB.

Dan l-appellant fis-sentenza appellata gie misjub hati tat-tielet akkuza ta’ hsarat volontarji u harba mill-post tad-detenzjoni skond ir-raba akkuza biss u dana minghajr l-addebitu tar-recidiva ghax ma saritx il-prova tal-identita’ , u gie kundannat ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien sentejn . Ghalhekk ir-ricerka u ezami ta’ din il-Qorti hu limitat ghall-dawn iz-zewg imputazzjonijiet biss.

Illi l-aggravji ta’ dan l-appellant fil-qosor jikkonsistu filli (1) dwar l-akkuza tal-harba mill-habs, dan ir-reat jinhtieg li jkun hemm fuga u cioe’ li persuna tkun harget mir-recint tal-habs jew minn xi post iehor ta’ kustodja . L-appellant ma giex akkuzat b’irvell fil-habs , imma b’harba u harba ma kienx hemm ; (2) dwar l-akkuza tad-danni , hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova b’mod indipendenti (Sic!) l-hsara li wettaq l-appellant u minn dak li tghid is-sentenza appellata stess mhux possibbli l-hsara ammontat ghal LM500. Fin-nuqqas ta’ tali prova konkreta u ndipendenti, l-Qorti jkollha toqghod fuq il-minimu previst mill-ligi . Il-hsara hi reat ta’ min iwettqu w l-prezenza tal-appellant hemmekk ma tirrendihx hati tal-istess hsara. Il-hsara li kien hemm fil-bieb ma tammontax ghall-LM500 jew izjed ; (3) dwar il-piena, l-appellant isostni li dak li ghamel kien ukoll minhabba li nxtehet il-gass tad-dmugh u dan seta’ kellu effett fatali fuq min kien maqful , imma ma jfissirx dan li kien hemm dik il-malizzjozita’ hekk kbira li wiehed ma jinkwadrax f’piena aktar miti .

Illi dwar l-aggravju li jirrigwarda l-harba mill-habs, din il-Qorti diversament preseduta , meta ttrattat il-kaz ta’ diversi prigunieri li kienu ukoll involuti fl-istess incidenti , dahlet funditus fil-kwistjoni dwar jekk l-agir tal-appellanti kienx jammonta ghar-reat kontemplat fl-art. 152 tal-Kodici Kriminali jew le. (Pul. vs. Jean Claude Cassar et.“ (16. 3. 2001) u din il-Qorti taghmel pjena riferenza ghall-konsiderazzjonijiet ta’ natura legali hemm enuncjati . F’dik il-kawza din il-Qorti kienet irrespingiet l-appell fuq

aggravji simili ghax irriteniet li biex jipotizza ruhu r-reat kontemplat fl-art. 152 , kif kien redatt fiz-zmien meta graw l-incidenti allegati w cioe' fil-25 ta' Frar, 1993 u qabel ma dan l-artikolu gie emendat fis-sena 1999 , ma kienx hemm bzonn li l-prigunier jakkwista l-liberta' tieghu billi addirittura johrog mill-limiti tal-habs civili .

Illi l-artikolu n dizamina ,qabel ma gie emendat bl-Att VII tal-1999 , kien jittratta r-reat ta' kull min jinsab hati ta' harba minn post ta' kustodja jew ta' piena, meta l-harba ssir bil-vjolenza fuq il-persuna, jew bi ksur ta' dawn il-postijiet."

Illi kif irriteniet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fuq citata, l-artikolu in ezami imkien ma juza l-kliem "mill-habs" u jsemmi biss "post ta' kustodja jew ta' piena" . Ma jispecifikax li l-harba aggravata trid issir jew tkun saret mill-habs u ma kien hemm xejn li jzomm lill-Legislatur li anki fl-art. 152 li kieku ried seta' juza il-kliem "mill-habs" li kieku bhala post ta' w kustodja ried ifisser il-habs kif ghamel fl-artikolu 151. Dik il-Qorti ghalhekk irriteniet li l-element necessarju w essenzjali tal-post tal-habs li hemm fl-artikolu 151 ma jirrizultax bhala element necessarju fl-artikolu 152 . Dak li hu rikjest fl-artikolu 152 huwa li persuna, sija jekk tkun kundannata b'ordni ta' xi awtorita, bhal ma hi Qorti jew detenuta pendenti proceduri kontriha, mizmuma f'xi post ta' kustodja jew f'xi post fejn qieghed jiskonta xi piena , bl-uzu ta' vjolenza fuq persuna ohra , jew anki bi ksur tal-post fejn hi mizmuma , jirmexxilha tohrog minn dawk il-postijiet fejn tkun qed tinzamm . Dik il-Qorti ccitat lill- Professur Sir Anthony Mamo fejn fin-Noti tieghu jelabora u jispjega dak li jghid il-CARRARA fil-Programma VII, V para 2811 et seq. u 2819 u cioe' :-

"By breach of the place of confinement or punishment, the law means the overthrowing down breaking, demolishing, burning , wrenching , twisting or forcing of any wall , roof, bolt, padlock, door, whether INTERNAL (emfasi tal-Qorti) or external, or other contrivance , intended secure the place . The breaking must be of the place itself. The breaking of a chain or manacles intended to secure the

person of the prisoner does not constitute this form of aggravated escape . There must be the actual breaking in the above sense , merely getting over the wall or ceiling or passing out through a door by false keys or the like and without violence on the person is only a simple escape and not a breach of the place or aggravated escape ...... With regard to simple escape the crime is completed when the fugitive actually regains his liberty . So long as he is still within the outer boundaries and the precincts of the prison and is followed by the jailers and apprehended , he is not guilty of the completed offence , but may be guilty of an attempt. IN THE CASE OF BREACH OF THE PLACE OF CUSTODY OR PUNISHMENT, HOWEVER, THE CRIME IS COMPLETED AS SOON AS THE PRISONER BREAKS OUT OF HIS PLACE OF CUSTODY , EVEN THOUGH THE ACTUAL ESCAPE MAY HAVE BEEN DETECTED AND PREVENTED IN TIME .” ( emfasi ta’ din il-Qorti) .

Gie ukoll citat b’approvazzjoni l-ANTOLISEI (“Manuale di Diritto Penale “ , Parte Speciale II , Nona Edizione . A. Giuffre’ Editore , 1986) fejn dan l-awtur jiccita l-Corte di Cassazione u jghid :-

“In linea generale , si puo’ dire che il delitto e’ consumato quando l’ arrestato o il detenuto sia riuscito a sottrarsi completamente alla sfera di custodia nella quale si trova , nel senso che non e’ necessaria la fuga.” (Cass. 14.1.1974, in Giur. It. 1975 , II, 118) .

Ghal dawn il-motivi dik il-Qorti kienet irrespingiet l-aggravju tal-appellanti li biex jissussisti dar-reat irid ikun hemm il-fuga jew il-harba kompleta mill-habs.

Illi ghar-rigward tas-sottomissjoni maghmula fil-kors tat-trattazzjoni orali bazat fuq l-artikolu 5 tal-Att dwar il-Habs (Kap.260 tal-Ligijiet ta‘ Malta ) din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza taghha fil-kawza “Il-Pulizija vs. Antonio sive David Monsigneur” (30.9.1996) kienet irriteniet li l-Att dwar il-Habs mhux applikabbli ghall-kaz li

jirrigwarda volazzjoni tal-art. 152 tal-Kodici Kriminali u qalet testwalment hekk :-
Kuntrarjament ghal dak li jissottometti l-appellant , l-Att dwar il-Habs (Kap.260) mhux applikabbli ghall-kaz odjern . Effettivament l-artikolu 5 ta' dan l-Att jiddisponi :
"Kull persuna li tkun mizmuma jew li titqies li hi mizmuma f' habs u li tahrab mill-habs ......tkun hatja , f'kull kaz li fih dik il-harba ma tkunx reat kontra l-Kodici Kriminali , ta' reat ......."

"Il-frazi sottolineata mill-Qorti turi li dan l-artikolu 5 tal-Att dwar il-Habs mhux applikabbli

ghall-kaz prezenti billi l-harba tal-appellant , kif gja intqal , tikkostitwixxi reat kontra l-

artikolu 152 tal-Kodici Kriminali."

Ikkonsidrat ;

Illi ghal dak li huma fatti l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata rriepilogat il-provi li jirrigwardaw lil dan l-imputat in konessjoni ma dar-reat u partikolarment ix-xiehda tal-Ispettur Kelly a fol.377 dik ta' P.C. 1164 , Mario Agius (fol.223) ; P.C. 12 Joseph Muscat (fol. 227) ; P.C. 1476 Kevin Galea (fol. 507) u dak li qal l-istess appellant (Fol.368 ) u minn dawn il-provi jidher li l-Ewwel Qorti kellha altru minn provi bizzejjed biex tikkonkludi ragjonevolment u b' mod "safe and satisfactory" li l-appellant kien hati tar-reat dedott kontra tieghu taht l-art. 152 tal-Kodici Kriminali .

Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar l-akkuza u sejbien ta' htija dwar hsara volontarja mill-istess provi ukoll jidher li l-appellant ikkaguna danni f' bieb tal-injam li jaghti mill-main hall ghac-central hall u li kisser il-bieb tad-Division 2 meta kellu mazza f'idejh u li heggeg lil prigunieri biex johorgu . Illi fl-aggravji tieghu l-appellant jghid li ma hemmx prova li din il-hsara kienet tammonta ghall-aktar minn hames mitt lira (LM500) . Illi jekk wiehed jifli l-artikoli li indika l-Avukat Generali fir-rigward ta' dar-reat fin-nota ta' rinviju tieghu tad-19 ta' Dicembru, 1995 (Fols. 319-321 tal-process ) wiehed isib li saret riferenza b'mod generiku ghall-art. 325 bla ma gie specifikat taht liema mis-subinicizi taqa' l-hsara mertu tar-reat dedott u l-istess sar

fil-parti tas-sentenza appellata fejn gew citati l-artikoli li tahthom kienet instabet htija tal-akkuza ta‘ hsara volontarja. Illi hu minnu li l-akkuza originali li saret mall-prezentata tal-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja kienet tghid li l-appellanti ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor , mobbli jew immobbli , liema hsara teccedi l-hames mitt lira (LM500) ghad-detriment tal-Gvern ta‘ Malta (Sec. 325, Kap.9) izda hu minnu ukoll li fis-sentenza appellata ma ntqalx kemm kienet tammonta din il-hsara u allura dan l-aggravju jidher li hu fondat fis-sens li l-hsara li rrizultat li saret trid titqies li kellha l-inqas valur kontemplat fil-ligi u cioe’ fis-subinciz (d) tal-Kap.325 . U ghalkemm fil-fehma ta’ din il-Qorti l-ommissjoni tas-subinciz mill-parti tas-sentenza fejn gew ciatati l-artikoli li tahthom instabet htija ma jwassalx ghan-nullita’ tas-sentenza per se, dan jaghti lok biex din il-Qorti tilqa’ l-aggravju tal-appellant li l-hsara minnu kagjonata kienet taqa’ taht l-inqas ammont possibbli u cioe’ dak ta’ taht l-ghaxar liri Maltin (LM10) kontemplat fl-imsemmi subinciz (d). Illi din il-precizazzjoni tal-htija tieghu taht it-tielet akkuza ser tigi riflessa fil-piena , fil-parti dispozittiva tas-sentenza aktar ‘l isfel

L-APPELL TA‘ JOSEPH AZZOPARDI .

Dan l-appellant fis-sentenza appellata gie misjub hati tar-raba akkuza li tirrigwarda l-harba mill-post tad-detenzjoni , izda minghajr l-addebitu tar-recidiva ghax ma saritx il-prova tal-identita’ u gie kundannat ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien tlittax il-xahar .

Illi l-aggravji ta’ dan l-appellant, fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti u cioe’ :- (1) ir-reat ta’ harba jehtieg li jkun hemm il-fuga u cioe’ li l-persuna tkun harget mir-recint tal-habs jew minn xi post iehor ta’ kustodja u ebda xhud ma jghid li l-appellant hareg mir-recint tal-habs u ghalhekk ma kienx hemm il-fuga . Hu ma giex akkuzat b’irvell fil-habs , imma bil-harba u harba ma kienx hemm ; (2) dwar piena l-appellant issottometta li dak li ghamel kien ukoll minhabba li nxtehet il-gas tad-dmugh li seta’ kellu effetti fatali fuq min kien maqful . Imma dan ma jfissirx li kien hemm dik il-

malizjozita’ hekk kbira li wiehed ma jinkwadrax f’ piena aktar miti .

Illi din il-Qorti taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet ta’ natura legali gja minnha maghmula fir-rigward tal-appellant Nazzareno sive Reno Zarb fir-rigward tal-imputazzjoni tal-harba mill-habs u , a skans ta’ ripetizzjoni inutili , tasal ghall-istess konkluzzjoni hemm minnha raggunta.

Konsegwentement l-agir ta’ dan l-appellant irid jigi ezaminat fid-dawl ta’ dan il-kwadru guridiku

Ikkonsidrat ;

Illi dwar il-fatti nnifishom l-Ewwel Qorti ukoll irriepilogat il-provi li wassluha biex tikkonkludi li dan l-appellant kien hati ta’ ksur tal-art. 152 tal-Kodici Kriminali . Dik il-Qorti ghamlet riferenza partikolari ghax-xiehda ta’ l-Ispettur Ronald Kelly (Fol.373 tal-Process Verbal) P.C. 1179 Ronald Iles ; P.C. 1078 Mario Ciantar (Fol. 211) , Prison Guard 27 , Raymond Caruana (fol. 310) u ghax-xiehda tal-istess appellant Azzopardi (Fol. 339) li minnhom irrizulta ampjament lill-Ewwel Qorti li l-appellant kien hareg mill-post tal-kustodja tieghu bi tkissir tal-istess u din il-Qorti ma ghandha ebda raguni ghala tvarja l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti fir-rigward.

Illi umbaghad fuq l-aggravju dwar il-piena jinghid li din taqa’ entro l-parametri tal-ligi u ma tidhirx sproporzjonata konsidrata il-gravita’ tal-incidenti li sehhew fil-Habs Civili ta’ Kordin dak in-nhar u li fihom l-appellant Azzopardi jidher li ma ohrajn ha ukoll parti attiva kif fuq intqal .

L-APPELL TA‘ GAETANO XERRI .

Fis-sentenza appellata, dan l-appellant instab hati ta’ l-ewwel imputazzjoni ta’ serq ta’ medicini , tat-tieni akkuza li tirrigwarda l-pussess ta’ medicini specifikati u psikotropici u tar-raba akkuza li tirrigwarda il-harba mill-post tad-detenzjoni biss u gie kundannat ghall-prigunerija ghal zmien sentejn .

Illi l-aggravji ta' dan l-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti u cioe :- (1) Illi ghalkemm mill-provi prodotti, jirrizulta li l-appellant fil-fatt ha xi pilloli , pero ma jirrizultax illi l-pilloli li ha l-appellant kienu fil-fatt Medicini Specifikati u Psikotropici skond l-iskeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap.31 tal-Ligijiet ta' Malta) ; (2) Illi dwar it-tieni akkuza li fir-rikors tal-appellant qed tittiehed li tirriferi ghall-pussess ta' medicini specifikata u psikotropika , ma tissussistix ghall-istess raguni ; (3) illi dwar ir-raba akkuza ma jirrizulta minn imkien li dan l-appellant harab milll-bini tal-habs civili u li uza xi vjolenza kontra xi gwardjan jew persuni ohra inkarigati mill-kustodja tieghu jew inkella li l-ksur li ghamel l-appellant kien dirett b'mod univoku sabiex huwa jahrab mill-habs u "stricto juris" hu ma harabx minn taht il-kustodja tal-persuni li kienu nkarikati mill-kustodja tieghu . (4) Illi , se mai, u fl-aghar ipotesi , setghet b'xi mod tirrizulta l-offiza ta' hsara volontarja fuq proprjeta' liema akkuza , skond l-Ewwel Qorti ma gietx pruvata mill-Prosekuzzjoni li lanqas ippruvat il-"quantum" tal-hsara u ghalhekk l-Ewwel Qorti deherilha li kellha tillibera . Fuq din l-akkuza ma hemmx appell u ghalhekk kull kumment iehor hu superfluwu .

Illi dwar l-ewwel aggravju jintqal li l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati ta' serq ta' pilloli u sa hawn ma hemmx kontestazzjoni mill-appellant . Li l-appellant qed jikkontesta hu li dawn il-pilloli kienu pilloli specifikati u psikotropici ghax ma saritx il-prova ta' dan . Fis-sentenza appellata , il-Qorti ghamlet riferenza ghax-xiehda ta' PC 1179 Ronald Iles (fol.247 tal-process) li qal li ra lill-appellant Xerri diehel fl-Infermerija, ibaghbas fil-pilloli u jiehu l-pilloli umbaghad tkompli izzid li l-Professur Anglu Psaila , kien gharaf lill-istess appelant meta ddahhal l-isptar b'"overdose" ta' pilloli . Fil-fatt meta xehed fil-21 ta' Marzu , 1994, il-Professur Psaila xehed li dak in-nhar li graw l-irvellijiet fil-habs hu kien "duty" fl-Isptar San Luqa u gharaf minn fost l-imputati prezenti fl-Awla lill-appellant Xerri u fil-waqt li ghamel riferenza ghax-xiehda moghtija minnu quddiem il-Magistrat Inkwirenti fit-3 ta' Marzu, 1993 , qal li l-persuni minnu ezaminati kollha kienu qed

ibaghtu minn “overdose“ . Fix-xiehda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti , l-Professur Psaila xehed testwalmennt hekk (Vol. III . fols.450-451 tal-process) dwar dan l-appellant :-

“Mistoqsi jekk kellimtx lil Gejtu Scerri , nghid li jiena kellimtu u dan infurmani wara

li belgha kull ma sab , iktar minn mija u tahlita ta’ pinnoli ...Tnejn mill-pazjenti kienu

fil-perikolu tal-mewt u Gejtu Scerri kien wiehed minnhom li mbaghad baghttu l-I.T.U.

baghttu hemmhekk ghaliex bil-”poison” li ha ,cedhielu wiehed mill-pulmuni .

Kellu kollass komplet ta’ pulmun minnhom. .....Ahna tajnihom l-antidote ghax ghalkemm

ma kontx naf ezattament x’hadu , pero’ naf x’ kien hemm il-Habs . Kien hemm “sleep-

ing tablets” , valium , Metadone . Gejtu Spiteri qalli li belgha dawn il-pinnoli , xi mitt pinnola

bil-Metadone. “

Illi minn din ix-xiehda altru li l-ewwel Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal biex tikkonkludi li l-pilloli li l-appellant fir-rikors tieghu jaccetta li seraq kienu medicini u din il-Qorti mhux ser tiddisturba l-apprezzament ta’ l-Ewwel Qorti fir-rigward . Inoltre jigi precizat illi din l-akkuza ta’ serq kif formulata originarjament fil-prezentata (fol.2 tal-process) kienet taghmel riferenza biss ghall-art. 261 tal-Kap.9 li tirrigwarda s-serq u mhux ukoll ksur ta’ xi ligi ohra. Ghalhekk indipendentement jekk il-pilloli misruqa u kunsmati “ex admissis” mill-appellant Xerri kienux pilloli jew medicini specifikati jew psikotropici jew le xorta wahda jirrizulta s-serq ta’ medicini taht l-ewwel imputazzjoni . Ghalhekk dan l-aggravju hu infondat u qed jigi respint.

Illi dwar it-tieni aggravju u cioe’ dak li jirrigwarda l-pussess ta’ Medicini Specifikati u Psikotropici , dan ir-reat jirrizulta’ “ex admissis” mix-xiehda fuq riprodotta, u l-Ewwel Qorti sabet htija dwaru , u ghall-istess ragunijiet spjegati fil-paragrafi precedenti , l-Ewwel Qorti kellha kull ragun issib lil dan l-appellant hati ta’ din l-akkuza kemm fuq bazi

legali kif ukoll fuq bazi ta‘ ragjonevolezza , specjalment in vista‘ ta‘ dak li qal l-appellant lil Professur Angelo Psaila w dak li gie ritenut fis-sentenza ta’ din il-Qorti : “Pul. vs. Richard Borg ; 18.9.2002) w ghalhekk din il-Qorti m‘ghandhiex ghaliex tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li ghamlet fir-rigward l-Ewwel Qorti.

Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-harba mill-habs, din il-Qorti taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet kollha ta’ natura legali li ghamlet fil-kaz tal-appell tal-appellant Nazzareno sive Reno Zarb u ,a skans ta’ ripetizzjoni inutili , tasal ghall-istess konkluzzjoni hemm raggunta fir-rigward .

Ikkonsidrat ukoll dwar dan l-aggravju li bhala fatti l-Ewwel Qorti ibbazat il-konkluzzjoni taghha dwar il-htija ta’ dan ir-reat fuq il-fatt li l-Ispettur Kelly kien xehed li kien ra lil dan l-appellant fid-Division 3 bil-hadid f’idejh (Fol. 376) ; li s-Supratendent Brincat kien rah jaqla’ xi hadid mic-cacciz tac-celel (Fol. 93) ; li l-Ispettur Horace Anastasi xehed li hadlu hadida twila xi erba piedi minn idejh (Fol. 232) ; li P.C. 1174 Ronald Iles rah iqaccat il-katnazz u diehel fl-infermerija (Fol.247) u li P.C. Kevin Galea (Fol. 506) rah jaqbad landa taz-zibel u jwaddabha ghall-kamra tal-Gwardjan u jkissrilha l-hgieg . Fil-fehma ta’ din il-Qorti il-provi li fuqhom ibbazat l-apprezzament taghha l-Ewwel Qorti kienu altru minn bizzejjed biex tirrizultalha l-htija taht din l-akkuza. U l-fatt li l-ewwel Qorti lliberat lill-appellant mill-akkuza tal-hsara volontarja ghax l-ammont tad-danni ma setax jigi kwantifikat - konkluzzjoni li din il-Qorti ma taqbilx maghha ghax hsara zgur li saret u se mai imissha instabet htija taht l-art. 325 (d) pero’ fuq dan ma hemmx appell mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz - ma jistax jingieb bhala argument biex jintqal li l-harba mill-post tal-kustodja ma kienetx akkompanjata bi tkissir kif jirrikjedi l-art. 152 .

Ikkonsidrat ukoll li l-piena nflitta fuq dan l-appellant taqa’ entro l-parametri tal-ligi u ma tidhirx manifestament sproporzjonata.

********

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed :-

1. tilqa‘ l-appell ta’ Nazzareno sive Reno Zarb limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha n kwantu sabet lill-dan l-appellant mhux hati tal-ewwel , it-tieni , l-hames u s-sitt akkuza u hati tar-raba akkuza minghajr l-addebiti tar-recidiva u l-ksur tal-liberta’ kondizzjonata imposta fuqu b’sentenza tad-19 ta’ Novembru, 1992 u tirrevokha in kwantu sabitu hati tar-reat kontemplat fit-tielet akkuza talli fil-25 ta’ Frar, 1993 , fil-habs Civili ta’ Kordin , matul in-nofs ta’ nhar ta’ filghodu volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor , mobbli jew immobbli , liema hsara teccedi l-hames mitt lira Maltin (LM500) ghad-detriment tal-Gvern ta’ Malta u in kwantu ikkundannatu ghal piena ta’ prigunerija ghal zmien sentejn u minnflok issibu hati talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor , mobbli jew immobbli , liema hsara ma kienetx tiskorri l-ghaxar liri Maltin (LM10) bi ksur tal-art. 325 (d) tal-Kap.9 u minghajr l-addebiti tar-recidiva u tal-ksur tal-liberta’ kondizzjonata fuq imsemmija u tikkundannah ghall-piena komplessiva - fuq dan l-ahhar reat u fuq ir-raba imputazzjoni tal-ksur tal-art. 152 li gja instab hati taghha mill-Ewwel Qorti - ta’ prigunerija ta’ sena u tmin xhur , minn liema terminu ta’ prigunerija ghandu jitnaqqas kwalunkwe zmien li dan l-appellant Zarb ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn iz-zewg akkuzi .

2. tiddisponi mill-appell ta’ Carmelo sive Charles Mugliette billi tiddikjarah null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

3. tichad l-appell ta’ Joseph Azzopardi u tikkonferma s-sentenza appellata fil-konfront tieghu fl-intier taghha.

4. tichad l-appell ta’ Gaetano Xerri u tikkonferma s-sentenza appellata fil-konfront tieghu fl-intier taghha.

(ft) Joseph G. Galea Debono.
Imhallef

Kopja Informali ta' Sentenza

Paul Miruzzi
Assistent Registratur

17.10.02.